15 ta' Mejju, 1945.

**Imħallef :**

Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

**Luigi Briffa et. *versus* Avukat Dr. Carlo Moore**

**Imgħax — Elevazzjoni — Konsenjatarju — Xhieda — Spejjeż.**

*L-obligazzjoni ta' min jitlob l-ispedizzjoni ta' mandat ta' qbid, derivanti mill-liġi, li jħallas il-merċedi lill-Konsenjatarju kostitwit jew nominat in okkażjoni ta' dak il-mandat, ma tista' qatt tiddependi*

*minn konvenzjoni ta' natura kummerċjali, langas jekk il-mandat ikun ġie spedit mill-Qorti tal-Kummerċ. Fin-nomina tal-konsenjatarju teżula kull idea ta' kummerċjalità. Għaldaqstant il-konsenjatarju, fuq l-ammont tal-merċedi lilu dovuta, ma jistax jippretendi l-imgħax kummerċjali ta' sitta fil-mija, imma dawk ta' ħamsa fil-mija.*

*Il-kundanna fl-ispejjeż mhix piena, imma sempliċi indennità; hija rifużjoni ta' danni ċivili; u għalhekk min jitlob ir-rifużjoni ta' dawk l-ispejjeż jeħtieġlu jipprova li huwa veramment ħallashom.*

*Għaldaqstant, min ikun ħarrek xi xhieda ma jistax jeżiġi r-rifużjoni tad-drittijiet u spejjeż ta' dawk ix-xhieda jekk huwa ma jġibx prova legali li huwa ħallashom; u min huwa obligat jirrifondi dawk l-ispejjeż għandu d-dritt kollu li jħallas dawk l-ispejjeż mingħajr ma jħallas id-drittijiet u l-ispejjeż tax-xhieda jekk ma tkunx saritlu dik il-prova legali; salvo li jibqa' obligat iħallashom wara, meta tkun saritlu dik il-prova.*

Il-Qorti — **Rat** iċ-ċitazzjoni illi biha l-attur, wara li ppremetta illi skond prospett magħmul mil-konvenut u pprezentat lilu għall-approvazzjoni u għall-pagament, li jinsab eżibit maċ-ċedola infraskritta, il-konvenut ippretenda li għandu jieħu s-somma ta' £96. 10. 5 għas-sorti u s-somma ta' £8. 10. 5 2/12 għad-differenza ta' l-ispejjeż tal-kawża "Dr. Carlo Moore vs. L. Briffa et." deċiża mill-Qorti ta' l-Appell tal-Maestà Tiegħu r-Re fil-5 ta' April 1943, barra l-lukri legali tas-sitta fil-mija fuq l-imsemmija sorte mill-25 ta' Frar 1943 sal-pagament; u li invеċi huwa jinsab debitur tal-konvenut fis-somma komplessiva ta' £67. 5. 1, kwantu għal £59. 10. 5 għas-sorti tal-kawża fuq indikata, kwantu għal £2. 19. 10 2/12 għad-differenza ta' l-ispejjeż, u kwantu għal £4. 14. 9 lukri legali tal-ħamsa fil-mija fuq l-imsemmija sorti mill-25 ta' Frar 1943 sas-27 ta' Settembru 1944, skond prospett unit maċ-ċedola fuq indikata; u li, wara li l-konvenut irrifjuta l-offerta tas-somma fuq indikata lilu dovuta, huwa pproċeda għad-depożitu tagħha b'ċedola numru 126 tas-27 ta' Settembru 1944 (dok. A unit maċ-ċitazzjoni); talab li jiġi dikjarat u deċiż li d-depożitu fuq indikat minnu magħmul favur il-konvenut huwa validu skond il-liġi. Bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi l-fattijiet huma dawn :— B'sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tiegħu r-Re tal-25 ta' Frar 1913 il-konvenut gie kanonizzat kreditur ta' Luigi Briffa fis-somma ta' £59. 10. 5, drittijiet tiegħu bħala konsenjatarju kostitwit, jew nominat, in okkażjoni tal-mandat ta' elevazzjoni li gie spedit fuq talba ta' l-istess Luigi Briffa kontra Walter Moore, bl-ingħax mid-data ta' dik is-sentenza, u f'żewġ terzi mill-ispejjeż tal-kawża. B'sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tal-Maestà Tiegħu r-Re l-konvenut, fuq rikors ta' l-istess konvenut u ta' Melita mart Walter Moore bl-assistenza tiegħu għar-revoka ta' dik-riet mogħti mill-Qorti tal-Kummerċ fuq imsemmija tas-16 ta' Frar 1913, gie deċiż li l-ispejjeż ta' dak l-appell jitħallsu nofs mill-imsemmi appellat Briffa u nofs mill-appellanti Dr. Carlo Moore u Melita mart Walter Moore. Il-konvenut Dr. Carlo Moore ordna ratizzazzjoni ta' l-ispejjeż tal-kawża u ta' l-appell fuq imsemmi, li minnha rriżulta illi Briffa kellu jagħtih is-somma ta' £3. 10. 5 2 12, u ssottometta dik ir-ratizzazzjoni lill-istess Briffa għall-approvazzjoni tiegħu, sabiex jitħallas għal dawk l-ispejjeż, għas-sorte fuq imsemmija ta' £59. 10. 5, u għall-imgħax fuq din is-somma, li huwa kkalkula bis-sitta fil-mija fis-sena. Briffa ma approvax dik ir-ratizzazzjoni, għaliex deherlu illi fl-ispejjeż ma kellhiex tiġi konteġġjata s-somma ta' £1. 11. 9, spejjeż ta' tliet xhieda li tagħhom il-konvenut ma pproduċiex ir-relattivi taxxi, u deherlu wkoll li l-imgħax ma kellhomx jiġu kalkulati bis-sitta fil-mija, imma bil-ħamsa fil-mija. Huwa offra lill-konvenut il-ħlas tas-sorte fuq indikata bl-imgħax tal-ħamsa fil-mija u bl-ispejjeż, wara li għamel minnhom l-imsemmija riduzzjoni; iżda l-konvenut ma aċċettax dak il-ħlas; u għalhekk Briffa għadda għad-depożitu tas-somma li offra lill-konvenut u għamel din il-kawża sabiex jiġi dikjarat validu dak id-depożitu;

Tikkunsidra:

Illi għalhekk il-kwistjonijiet li għandhom jiġu definiti sabiex ikun jista' jiġi deċiż jekk id-depożitu fuq imsemmi hux validu jew le huma : waħda dik jekk il-konvenut għandux jew le d-dritt li jitlob l-imgħax tas-sitta fil-mija fuq is-somma lilu dovuta bħala merċedi fil-kwalità tiegħu ta' konsenjatarju in okkażjoni tal-mandat fuq imsemmi; u l-oħra dik jekk għan-

dax dritt jikkomprendi fir-ratizzazzjoni ta' l-ispejjeż fuq indikati d-drittijiet u l-ispejjeż ta' l-imsemmijin xhieda minna ngħunti, imma li huwa għadu ma ħallasx, u jeżiġi l-ħlas ta' dawk id-drittijiet u spejjeż;

Tikkunsidra fuq l-ewwel kwistjoni;

Illi skond il-liġi l-ingħax tas-sitta fil mija għandhom jiġu ħall-u bħala danni derivanti mir-ritard ta' l-adempiment ta' l-obligazzjoni għall-ħlas ta' somma determinata meta dik l-obligazzjoni tinħaloq minn konvenzjoni ta' natura kummerċjali. Meta l-obligazzjoni ma tidderivax minn konvenzjoni kummerċjali, l-ingħax huwa dak tal-ħamsa fil-mija;

Illi ċertament ma jistax jingħad illi l-obligazzjoni ta' min ikun talab l-ispedizzjoni ta' mandat ta' elevazzjoni, derivanti mill-liġi, li jħallas merċedi lill-konsenjatarju kostitwit, jew nominat, in okkażjoni ta' dak il-mandat, tista' qatt tidderiva minn konvenzjoni ta' natura kummerċjali, lanqas jekk dak il-mandat ikun ġie spedit mill-*Qorti tal-Kummerċ*, *kif jidher* li jippretendi l-konvenut, minħabba, skond l-istess konvenut, it-teorija ta' l-aċċessorju; għaliex ma jistax jiġi raġjonevolment ritenut illi l-ispedizzjoni ta' dak il-mandat hija ta' natura kummerċjali jew li tivversa fuq il-kummerċ. In-nomina ta' konsenjatarju, li l-karattru tiegħu huwa dak ta' sekwestratarju ġudizzjarju, ma ssir qatt għal skop ta' lukru; *u anki meta l-konsenjatarju* jiġi preżentat mir-rikorrent, huwa ieżegwixxi d-doveri tiegħu skond il-liġi, u mhux skond dak li jrid ir-rikorrent. Għalhekk teżula kull idea ta' kummerċjalità. Kull ma jsir in konnessjoni man-nomina tal-konsenjatarju għandu karattru ċivili, anki jekk nominat in okkażjoni ta' mandat spedit mill-Qorti tal-Kummerċ;

Tikkunsidra fuq il-kwistjoni l-oħra;

Illi huwa paċifiku fid-dottrina illi l-kundanna fl-ispejjeż mhux piena, imma sempliċi ndennità; hija r-rifużjoni ta' danni ċivili. Għalhekk min jitlob ir-rifużjoni ta' l-ispejjeż jeħtieġ li jipprova li batihom, fi kliem ieħor li effettivament ħallashom. *Fil-ġurisprudenza tagħna dejjem ġie ritenut illi min* għandu jirrifondi l-ispejjeż, ġustament għandu d-dritt li jirrikjedi l-prova legali ta' l-effettiva erogazzjoni ta' dawk l-ispejjeż. Għaldaqstant, billi f'dan il-każ il-konvenut naqas jagħti lill-attur il-prova legali li ħallas id-dritt u l-ispejjeż tax-xhieda

fuq indikati, għaliex ma ppreżentalux it-taxxi debitament kwittanzati, imma anzi l-konvenut irrikonoxxa lil l-attur li kien għadu ma ħallasx dawk id-drittijiet u spejjeż, l-attur għaldaqstant, rikjest għar-rifużjoni ta' l-ispejjeż tal-kawżi fuq indikati, kellu raġun joffri s-somma ta' l-ispejjeż kollha barra minn dawk tax-xhieda fuq indikati, salv l-obligu tiegħu li jħallas dawk l-ispejjeż meta l-konvenut jagħtih il-prova legali li huwa effettivament ħallashom;

Tikkunsidra fuq il-meriti tal-konvenut illi l-offerta u d-depożitu huma invalidi, anki jekk mhumiex defiċjenti, għar-raġuni, skond il-konvenut, illi l-ħlas ma kellux isir mill-attur, imma kellu jsir billi tiġi mnaqqsa mid-depożitu eżistenti fil-Government Savings Bank hawn taħt indikat is-somma lilu dovuta;

Illi, kif jirriżulta mis-sentenza fuq indikata tal-Qorti ta' l-Appell tal-Maestà Tiegħu r-Re tal-5 ta' April 1943 (fol. 15 ta' dan il-proċess), id-depożitu fuq indikat huwa r-rikavat ta' merkanzija ġà appartenenti għall-assoċjazzjoni in parteċipazzjoni bejn Walter Moore u Luigi Briffa taħt id-ditta "Walter Moore & Co."; liema assoċjazzjoni ġiet xjolta u ġie nominat stralċjarju John Fleri, u dana ddispona minn dik il-merkanzija li rrikavat is-somma fuq indikata. B'sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ tas-6 ta' Ottubru 1942 dik l-assoċjazzjoni ġiet definitivament likwidata; is-somma fuq imsemmija ħarġet mill-patrimonju soċjali, u ġie dikjarat li tappartjeni lill-attur Luigi Briffa, assoċjat kapitalista. B'digriet mogħti mill-Qorti tal-Kummerċ fis-16 ta' Frar 1943, Luigi Briffa ġie awtorizzat jiżbanka dik is-somma fil-preżenza ta' John Feri. Bis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tal-5 ta' April 1943, fuq appell mill-imsemmi digriet tal-Qorti tal-Kummerċ (fol. 15 ta' dana l-proċess), magħmul minn Dr. Carlo Moore, li kien għamel sekwestru in kawtela tal-pretensjonijiet tiegħu għall-merċedi bħala konsenjatarju fil-mandat ta' elevazzjoni fuq imsemmi, ġie ordnat lit-Teżorier tal-Gvern, jew lill-Manager tas-Savings Bank, li jħallas lil Luigi Briffa fil-preżenza ta' John Fleri l-ammont fuq indikat, wara però li jnaqqas, fost ħwejjeġ oħra li ma jinteressawx lil dina l-kawża, l-ammont dovut lill-konvenut għall-merċedi fuq imsemmija kanonizzat favur tiegħu bis-sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ tal-25 ta' Frar 1943, u żewġ

terzi ta' l-ispejjeż ta' dak il-kawża; u dana għaliex Dr. Carlo Moore, bħala konsenjatarju fil-mandat ta' elevazzjoni fuq indikat, mahux fuq talba ta' Luigi Briffa kontra Walter Moore, kellu azzjoni diretta kontra l-kreditur Luigi Briffa;

Illi meta dak li intqal—li gie espost sabiex tittieħed ahjar il-pretensjoni tal-konvenut—jidher ċar illi s-sentenza fuq imsemmija tal-Qorti ta' l-Appell mhix ta' ostakolu illi l-offerta tal-attur ta' dak li għandu jieħu l-konvenut issir mill-attur u illi dan ikun għaddi għad-depożitu ta' dik is-somma fil-każ ta' rifjut da parti tal-konvenut li jaċċetta l-ħlas tagħha. Dik is-sentenza rrikonoxxiet id-dritt tal-konvenut li jikkawtela l-pretensjoni tiegħu bis-sekwestru ta' parti mis-somma appartenenti lill-attur depożitata fil-Government Savings Bank, u d-dritt ta' l-attur li jitħallas minn dak id-depożitu fl-ammont illi, relativament għal dik il-pretensjoni, huwa gie effettivament kanonizzat; imma ma jissegwix illi l-attur ma jistax iħallsu bi flus oħra, għaliex għall-konvenut huwa l-istess li jitħallas mill-imsemmi depożitu jew bi flus oħra, purkè jrċievi l-eżatt ammont lilu dovut; u kwindi, jekk fil-każ kien hemm da parti ta' l-attur rifjut ta' valida offerta, id-depożitu sar validament;

Tikkunsidra:

Illi l-offerta magħmula mill-attur lill-konvenut kienet valida; għaliex billi, kif intqal fuq, il-konvenut ma għandux dritt jeżigi l-imgħax tas-sitta fil-mija fis-sena, imma dawk tal-ħamsa fil-mija, u billi ma għandux dritt jeżigi r-rifużjoni tad-drittijiet u ta' l-ispejjeż tax-xhieda fuq indikati qabel ma jagħti lill-attur il-prova legali li ħallas dawk id-drittijiet u dawk l-ispejjeż, dik l-offerta kkomprendiet l-intera somma dovuta lill-attur għal kapital u interessi u spejjeż eżigibbli;

Għal dawn il-motivi;

Tiddeċidi skond it-talba ta' l-attur, billi tiddikjara li d-depożitu mitkellem fiċ-ċitazzjoni sar validament, salv id-dritt tal-konvenut li jitlob ir-rifużjoni tad-drittijiet u ta' l-ispejjeż tax-xhieda fuq indikati meta jagħti lill-attur il-prova legali li effettivament erogahom;

L-ispejjeż, in vista taċ-ċirkustanzi tal-każ, jitħallsu nofs mill-attur u nofs mill-konvenut, kompriż id-dritt tar-registru.